

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Apelativen sad – Sofia (il-Bulgarija) fil-21 ta' Ġunju 2022 – UA vs “EUROBANK BULGARIA” AD**

**(Kawża C-409/22)**

(2022/C 359/45)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Qorti tar-rinviju**

Apelativen sad – Sofia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: UA

Konvenut: “EUROBANK BULGARIA” AD

**Domandi preliminari**

- 1) Il-prokura li permezz tagħha l-mandatarju jwettaq att li jaqa' taħt id-dritt ta' proprjetà fisem min iħallas permezz ta' ordni ta' ħlas jikkostitwixxi strument ta' ħlas fis-sens tal-punt 23 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE<sup>(1)</sup>?
- 2) Il-postilla maħruġa minn awtorità barranija kompetenti taħt il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-5 ta' Ottubru 1961 li telimina r-reqwizit tal-legalizzazzjoni tal-atti pubbliċi barranin tagħmel parti mill-proċedura ta' awtentikazzjoni kemm tal-istrument ta' ħlas u kemm tat-tranżazzjoni ta' ħlas fis-sens tal-punt 19 tal-Artikolu 4, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 59(1) tad-Direttiva 2007/64?
- 3) Meta l-istrument ta' ħlas (inkluż strument ta' ħlas li jawtorizza lil terz iwettaq atti li jaqgħu taħt id-dritt ta' proprjetà fisem min iħallas) ikun regolari minn perspettiva formali (esterna), il-qorti nazzjonali tista' tqis li t-tranżazzjoni ta' ħlas hija awtorizzata, jiġifieri li min iħallas ta l-kunsens tiegħu sabiex titwettaq din it-tranżazzjoni?

<sup>(1)</sup> ĠU 2007, L 319, p. 1, rettifika fil-ĠU 2009, L 187, p. 5.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) fil-21 ta' Ġunju 2022 – Thermalhotel Fontana Hotelbetriebsgesellschaft m.b.H.**

**(Kawża C-411/22)**

(2022/C 359/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Thermalhotel Fontana Hotelbetriebsgesellschaft m.b.H.

Konvenut: Bezirkshauptmannschaft Südoststeiermark

**Domandi preliminari**

- 1) L-ammont ta' kumpens dovut lill-ħaddiema matul l-iżolament tagħhom bħala persuni ikkontaminati bil-COVID-19 jew issuspettati li huma kkontaminati bil-COVID-19, għad-dannu pekunjarju kkawżat mill-fatt li ma setgħux iwettqu l-attività professjonali tagħhom, u li jitħallas inizjalment mill-persuna li timpjega lill-ħaddiema, fejn id-dritt għall-kumpens mingħand l-Istat Federali jiġi sussegwentement ittrasferit lill-persuna li timpjega meta jsir il-ħlas, tikkostitwixxi benefiċċju marbut mal-mard fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali<sup>(1)</sup>?